# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, l-Erbgha 12 ta' Jannar, 2022

Avviz tat-Talba numru: 254/2021

It-Tribunal;

**Soren Nygaard Anderson** (K.I. NRU 582683M)

**Ezercenti l-Kummerc bl-isem Nygaard Imports**

**VERSUS**

**Christopher Cassar**

[K.I. NRU.551774M)

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-31 ta' Awwissu, 2021 fejn l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, mitejn u sittax-il Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€1,216.43) inkluz il VAT, ghal prodotti li ta' *pet supplies* li kien xtara minghand l-attur bejn is-sena 2018 u l-2021. Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra prezentata ai termini tal- Art 166A, l-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru kif ukoll l-imghax mid-data tal-ittra ufficjali taht l-art 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi il-konvenut gie debitament notifikat bl-atti processwali hekk kif registrat fil-verbal ta' l-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2021, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attur. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fl-udjenza tas-17 ta' Novembru, 2021 gie registrat, bil-gurament ix-xhieda ta' Soren Nygaard Anderson, fejn iddikjara illi huwa kreditur tal-konvenut fl-ammont intier ta' elf, mitejn u sittax-il Ewro u tlieta u erbghin centezmu,(EUR1.216.43) u li ma kien thallas ebda ammont minn dan u ghalhekk l-ammont kollu kien ghadu dovut.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

It-Tribunal sema' lil attur jixhed  u ra li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-attur ma ghandux mis-sewwa.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur huwa interament dovut mill-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attur is-somma ta' elf, mitejn u sittax-il Ewro u tlieta u erbghin centezmu,(EUR1.216.43) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-ittra ufficjali li tinsab a foll.10 tal-process sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, tal-Mandat bin-numtu 1365/21, kif ukoll tal-ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta huma a kariku tal-konvenut.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**